li jkollhom bżonn imorru 'l hemm kienu jitħaxknu mal-ħajt ta' quddiem ir-razzett filwaqt li jgħidu xi ġakulatorja u jagħmlu salib quddiem ġbinhom.

* * *

Imbagħad ġiet il-gwerra u waqgħu fuq Malta ħerba u qirda liema bħalhom. Din il-Gżira sabet ruħha fl-eqqel tat-taqbid: il-għadu ma kienx jerħilha mument ta' mistrieħ, lejl u nhar kien jibgħat l-ajruplani tiegħu jwaddbu xita ta' balal li jġarrfu djar, jordmu nies, iħarbtu bliet u rħula u jħallu mewt u qirda tal-waħx.

Il-poplu kien qiegħed igħix jiem ta' biża', ta' tiġrif u ta' għaks. Kienu ħaffru kennijiet ġewwa l-blat li swew biex ħelsu mit-tiġrib lil ħafna nies, imma mhux kulħadd seta' jgħaddi l-ħin kollu mkennen taħt il-blat; il-ħajja ta' kuljum ħtiġilha tibqa' miexja u x-xogħol kellu jibqa' jsir biex il-pajjiż ma jaqax fix-xejn, għalhekk ħafna nies kellhom jibqgħu jħabirku u kuljum imorru fuq ix-xogħol tagħhom.

Żewġ ħaddiema, wara l-ħidma tal-jum, kienu sejrin lura lejn ir-raħal għajjenin, imnikktin, magħdurin. Ix-xemx kienet niżlet u fis-sema ħiemed u diefi, kien tfaċċa qamar kwinta mimli dawl u dija. F'daqqa waħda nstama' leħen is-sirena ġej mir-raħal iwissi lin-nies biex ifittxu l-kenn għax l-ajruplani tal-għadu kienu resqin lejn il-Gżira. Dak id-daqq tas-sirena nstama' qisu krib ta' erwieħ qerrieda, krib li jhedded, krib li jħeddel, krib li jkessaħ id-demm ta' min jisimgħu.

Iż-żewġ ħaddiema nħasdu, ħassew dehxa tiġri ma' ġisimhom kollu u minnufih ħarsu madwarhom biex jaraw fejn imorru jdabbru rashom, imma dak il-ħin sewwa beda l-isparar tal-kanuni, u nħassu t-twerdin ta' l-ajruplani, it-tvenvin tal-balal u t-tfaqqigħ tagħhom malli jaħbtu fuq djar u bini. L-art bdiet theżżeż, qamu sħab ta' trabijiet u nefħet fewġa ta' riħ sħun u qerriedi qisu nifs tal-mewt.

Iż-żewġt irġiel kienu fil-beraħ bla ebda ħajt ta' kenn, l-eqreb bini li raw fejn setgħu jeħilsu mix-xita ta' qirda li kienet nieżla mill-ajru, kien ir-razzett tal-fatat, u t-tnejn telqu jiġru għall-irdoss tiegħu; fit-telfa li kienu ma ġibux quddiem għajnejhom il-waħx li kien jaħkem fuq dik id-dar, imma malli qorbu lejha waqfu mbellhin għax raw dehra li kexkxithom u qajmitilhom ġisimhom xewk xewk: lemħu xbieha ta' ruħ imkebba f'liżar abjad, ħierġa mill-bieb magħluq tar-razzett, kienet merfugħa mill-art ittir qisha ġeżża suf sejra mar-riħ.

Dawk iż-żewġ ħaddiema tbikkmu, ħarsu lejn xulxin bil-ħatfa u minnufih telqu jiġru lura mwerwrin, iferfru idejhom u jaqbżu qishom żewġ għażżiliet maħrubin mil-lupu; imma ma damux ħafna jiġru għax f'daqqa waħda semgħu tvenvin ta' balal li tarrxilhom widnejhom u



fl-istess waqt ħassew it-triq togħla u titriegħed taħt riġlejhom, imbagħad għadda riħ sħun u qawwi li sabbathom ma' l-art u nstemgħu ħsejjes ta' tiġrif u ħerba li jwaħħxu.

Meta għadditilhom il-ħasda u refgħu rashom biex jaraw x'kien ġara, dawk it-tnejn min-nies raw li r-razzett kien sar borġ ġebel u tkexkxu għax allura ntebhu f'liema periklu ta' ħajjithom kienu jidħlu kieku baqgħu sejrin għall-kenn ta' dak ir-razzett: kienu jitilfu ħajjithom taħt ir-radam tiegħu. Id-dehra ta' dik ir-ruħ gerrxithom u reġġgħethom lura u hekk ħelsithom mill-mewt.

Ir-ruħ ta' dak il-bidwi misantropu li kien ħalla bniedem jitlef ħajtu, issa pattiet għan-nuqqas ta' qabel billi biegħdet mill-periklu tnejn min-nies li kienu resqin taħt il-minġel tal-mewt. Dik ir-ruħ ittormentata fl-aħħar sabet il-faraġ u daħlet fil-mistrieħ ta' dejjem.

* * *

Wara l-aħħar dehra ta' dik ir-ruħ ħadd ma ra aktar erwieħ jew fatati jħufu ħdejn dak ir-razzett imġarraf.

---

## B'SALIBI

*Ta'* OLIVER FRIGGIERI

Għalfejn nisħet salibi
bil-ħajja u Min tahieli
biex ngħixha bħalu?
Min għabba l-għuda tqila fuq spallejja
u qalli biex bla kelma
nimtedd u norbot magħha
lil ġismi u nibqa' fuqha sa ma għadmi
inħossu qed jinqala' u sa ma fija
ma nħossx aktar demm jiġri,
issallab qabli Hu.

Għalfejn nisħet salibi
bil-ħajja u Min tahieli?
Min qalli miet, 'mm għadu
isaltan fuq il-ħajja, il-qlub, iż-żmien.

Jekk Hu rebaħ b'salibu,
b'salibi nirbaħ jien.

17 ta' Settembru, 1965.